- *Bħala regola ġenerali, l-eċċezzjonijiet kollha għandhom jitqanqlu fil-bidu tal-kawża*
- *Eċċezzjonijiet għal din ir-regola*
- *Intepretazzjoni tal-Art. 732(1) proċ. ċiv.*
- *Art. 469A (3) jistabbilixxi perjodu ta' dekadenza. Eċċezzjoni relattiva tkun waħda dilatorja u mhux perentorja*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 18 TA' ĠUNJU 2019**

Rikors Nru 1075/17

Clinton Galea, detentur tal-karta tal-identita numru 377582M

Vs

Suprintendent għas-Saħħa Pubblika bħala l-Awtorita' dwar i-Liċenzjar u fil-vesti tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment għar-Regolamentazzjoni tas-Saħħa

Awtorita' dwar il-Mediċini

Ministru għas-Saħħa

Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali

Avukat Ġenerali

Seduta tat-18 ta' Ġunju 2019

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-konvenut Superintendent għas-Saħħa Pubblika ppreżentat fit-2 t'April 2019 (fol 169) li permezz tiegħu talab lill-attur jiddikjara fuq liema sub-artiklu tal-liġi (*sic*), u fuq liema att amministrattiv qiegħed jibbaża t-talba tiegħu;

Rat ir-risposta tal-attur ippreżentata fis-6 ta' Mejju 2019 (fol 194);

Rat illi fuq talba ta' din il-Qorti kif preċedentement ippreseduta biex jiċċara l-bażi legali tat-talba tiegħu l-attur kien iddikjara li t-talba tiegħu kienet ibbażata fuq stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv;

Illi l-atti amministrattivi li l-attur qiegħed jibbaża t-talba tiegħu jinstabu elenkati b'mod ċar fir-Rikors Guramentat tiegħu;

Illi din il-Qorti tqis it-talba tal-konvenut Kummissarju frivola u vessatorja billi *se mai* kellha ssir fil-bidu tas-smiegħ tal-kawża u mhux f'dan l-istadju avvanzat tal-proċeduri. Barra minn hekk, din il-Qorti meta talbet spjegazzjoni dwar il-bażi legali tat-talba tal-attur kienet ingħatat tweġiba u għalhekk m'hemm l-ebda lok għal spjegazzjoni mill-ġdid f'dan l-istadju. Qajla għandu għalfejn jiġi mtenni li fis-sistemi legali tallum, salv f'każijiet speċifikament elenkati mil-liġi, m'hemmx għalfejn li l-attur jiċċita l-provvediment speċifiku tal-liġi li fuqu jkun qiegħed jibbaża t-talba tiegħu. L-obbligu tiegħu hu li jesponi kemm il-fatti li fuqhom ikun qiegħed jibbaża t-talbiet tiegħu, kif ukoll it-talbiet, b'mod ċar, b'mod li l-konvenut ikun jaf j'qiegħed jitlob mingħandu l-attur, biex ikun f'qagħda tajba li jiddefendi

ruħu. Xejn inqas u xejn iżjed. Għalhekk l-aforiżmi magħrufa: *Da mihi factum, dabo tibi ius* u *iura novit curia.*

Illi l-imsemmi rikors qiegħed għalhekk jiġi miċħud;

Rat ir-rikors l-ieħor tal-istess konvenut (fol 172) li permezz tiegħu talab li jippreżenta eċċezzjoni ulterjuri dwar il-perenzjoni tal-azzjoni abbażi tal-Artiklu 469A(3) tal-kodiċi ritwali;

Rat ir-risposta tal-attur tas-6 ta' Mejju 2019 għall-istess rikors (fol 196);

Ikkunsidrat:

Illi l-kodiċi tal-proċedura tagħna jiddistingwi bejn eċċezzjonijiet ***dilatorji*** u dawk ***dwar il-mertu*** mingħajr ma jagħti definizzjoni tagħhom[1]; isemmi l-eċċezzjonijiet ***perentorji*** ukoll mingħajr ma jagħti definizzjoni tagħhom[2], u jieqaf hemm.

Illi sabiex jiġi evitat dewmien bla bżonn, il-Kodiċi jordna li, bħala regola ġenerali, l-eċċezzjonijiet kollha, kemm dilatorji kif ukoll fil-mertu, għandhom, fil-kawżi li jsiru b'rikors ġuramentat, jingħataw fir-risposta ġuramentata; u ***ebda eċċezzjoni oħra ma tista' tingħata f'waqt ieħor tal-kawża***.[3]

Din ir-regola ma tgħoddx għal dawk l-eċċezzjonijiet li:

[1] Art 728(1)
[2] Art 732
[3] Art 728(2)

(1) l-Qorti tippermetti li jingħataw fuq rikors tal-konvenut jew appellat jekk tkun sodisfatta li ***kien hemm raġunijiet validi l–għaliex ma jkunux ingħataw fin-nota tal-eċċezzjonijiet jew fir-risposta***[4];

(2) ***jinqalgħu waqt il-kawża***[5].

(3) ***jistgħu b'dispożizzjoni espressa ta' dan il-Kodiċi jingħataw f'kull waqt tal-proċedimenti***.[6] Bħall-preskrizzjoni (Art. 2112 Kodiċi Civili)

(4) l-eċċezzjonijiet perentorji. Dawn jistgħu jitgħataw saħansitra fil-Qorti tal-Appell għalkemm ma jkunux ġew mogħtija fil-qorti tal-ewwel grad.[7] Il-Qorti tal-Appell f'sentenza tal-1971[8], li baqgħet tiġi segwita mill-ġurisprudenza, interpretat din id-disposizzjoni tal-liġi fis-sens li tirreferi għall-eċċezzjonijiet perentorji fil-mertu u mhux għall-eċċezzjonijiet perentorji merament tal-ġudizzju. Dawn tal-aħħar jitqiesu, għall-finijiet tal-istadju li fih għandhom jiġu eċċepiti, bħala eċċezzjonijiet dilatorji. Eżempji ta' eċċezzjonijiet **perentorji tal-mertu tal-azzjoni**, li jippruvaw ibiddlu jew joqtlu t-talba, skont il-prinċipji tad-dritt sostantiv, partikolarment il-Kodiċi Ċivili, bħall-preskrizzjoni, it-tranżazzjoni, in-novazzjoni, il-konfużjoni, u l-kompensazzjoni. Istanza ta' eċċezzjoni **perentorja tal-ġudizzju** hija n-nuqqas ta' integrita` tal-ġudizzju[9];

Illi l-Qorti tal-Appell stabbiliet, in re: **Roberto Zamboni noe v. Direttur tal-Kuntratti** deċiża fil-31 ta' Mejju 2002 li z-zmien ta' sitt xhur imsemmi

[4] Art 728(2)
[5] Art 731
[6] Art 731
[7] Art. 732(1)
[8] Charles Debono v John Caruana 05.04.1971, Qorti tal-Appell, Sede Kummerċjali
[9] eċċezzjoni ulterjuri imqanqla mill-ġudikant sedenti, allura avukat, in re: Carmela Farrugia v Av. Grazio Mercieca noe 22.06.1988 (Prim'Awla, sedenti l-Onor. Imħallef Carmelo Scicluna Kollez. LXXII.iv.790) u miċħuda mill-istess Qorti

fl-artikolu 469A(3) huwa wieħed ta' dekadenza, u mhux ta' preskrizzjoni, u għaldaqstant id-disposizzjonijiet dwar il-preskrizzjoni kontenuti fil-Kodici Civili ma japplikawx għalih. La din l-eċċezzjoni ma tqajjmitx fl-istadju bikri tal-kawza, din kellha titqies rinunzjata[10]. Deċiżjoni li baqgħet tiġi segwita.[11]

Illi ma kien hemm l-ebda raġuni l-għala t-talba tal-perenzjoni ma ġietx mogħtija *in limine litis.* Għal darb'oħra din il-Qorti ttenni li huwa għajb li jitqanqlu eċċezzjonijiet ta' dan it-tip fi stadju inoltrat tal-kawżi. Speċjalment meta jitqanqlu minn organi statali li għandhom jagħtu l-eżempju t-tajjeb u mhux il-ħażin fir-rigward tal-proċediment speditu tal-kawżi.

Għal dawn il-motivi, ir-rikors tat-2 t'April 2019 (fol 172) qiegħed jiġi wkoll miċħud.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA

[10] Ara fl-istess sens **Geswalda Saliba v. Mario Galea** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (sede Inferjuri) fid-9 ta' Lulju 2008, **Atlas Insurance Agency Limited noe v. Cassar & Cooper (CI) Limited et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (sede Inferjuri) fit-22 ta' Novembru 2006, u **Paul Aquilina v. J.J. Scerri Co. Ltd.** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (sede Inferjuri) fit-30 ta' Jannar 2009. Ara wkoll **Carmela Farrugia v. Avukat Dott. Grazio Mercieca LL.D. suċċitata.**

[11] Fost l-oħrajn in re: Maria Victoria Borg v Sindku Kunsill Lokali Pieta` 19.05.2009 Qorti tal-Appell (Superjuri) u Romina Delicata Mohnani v Kummissarju tal-Artijiet 16.12.2015 Prim'Awla sedenti l-Onor. Imħallef J.R. Micallef